DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE, Euratom) 2016/296

tad-29 ta' Frar 2016

li tissostitwixxi membru tal-kumitat previst fl-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tieni paragrafu tal-Artikolu 255 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-inizjattiva tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-27 ta' Jannar 2016,

Billi:

(1) Taħt l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ġie stabbilit kumitat sabiex jagħti opinjoni dwar l-idoneità tal-kandidati sabiex jaqdu d-dmirijiet ta' Mħallef u ta' Avukat Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali qabel ma l-gvernijiet tal-Istati Membri jagħmlu l-ħatriet (il-"kumitat").

(2) Permezz tad-Deċiżjoni 2014/76/UE [1], il-Kunsill ħatar is-seba' membri tal-kumitat għal perijodu ta' erba' snin, li jintemm fit-28 ta' Frar 2018.

(3) Permezz ta' ittra tas-27 ta' Jannar 2016, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja għarraf lill-President tal-Kunsill li s-Sur Péter PACZOLAY irriżenja mill-funzjonijiet tiegħu bħala membru tal-kumitat b'effett mill-21 ta' Jannar 2016.

(4) Permezz tal-istess ittra tas-27 ta' Jannar 2016, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ppropona l-ħatra tas-Sur Mirosław WYRZYKOWSKI biex jissostitwixxi lis-Sur Péter PACZOLAY għall-bqija tal-mandat tiegħu, skont il-punt 3 tar-regoli dwar il-funzjonament tal-kumitat kif jinsabu fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/124/UE [2],

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur Mirosław WYRZYKOWSKI huwa b'dan maħtur membru tal-kumitat previst fl-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal perijodu li jintemm fit-28 ta' Frar 2018.

---

[1] Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/76/UE tal-11 ta' Frar 2014 li taħtar il-membri tal-Kumitat previst fl-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 41, 12.2.2014, p. 18).

[2] Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/124/UE tal-25 ta' Frar 2010 dwar ir-regoli ta' funzjonament tal-Kumitat previst fl-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 50, 27.2.2010, p. 18).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Frar 2016.

Għall-Kunsill
Il-President
H.G.J. KAMP